

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Speċjalizzati Nazzjonali](#) > [Austria](#)

Qrati speċjalizzati nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn Awstrija

Awstrija



It-taqsimha li ġejja hija dwar qrati speċjalizzati fi kwistjonijiet ċivili u kriminali fl-Awstrija.

Qrati speċjalizzati

Fil-prinċipju, kwalunkwe qorti ordinarja tittratta l-materji kollha tal-ġustizzja ċivili u kriminali li jiġu assenjati lil-livell organizzattiv tagħha (il-Qorti Distrettwali (*Bezirksgericht*) jew il-Qorti tal-ewwel jew it-tieni istanza).

L-akbar bliet Awstrijaċi għandhom qrati speċjalizzati wkoll:

- hemm ħamsa fi Vjenna, jiġifieri l-Qorti Reġjonali Kriminali ta' Vjenna (*Landesgericht für Strafsachen Wien*), il-Qorti Reġjonali Ċivili ta' Vjenna (*Landesgericht für Zivilrechtssachen Wien*), it-Tribunal Industrijali u Soċjali ta' Vjenna (*Arbeits- und Sozialgericht Wien*), il-Qorti Kummerċjali ta' Vjenna (*Handelsgericht Wien*) u l-Qorti Distrettwali ta' Vjenna għall-Materji Kummerċjali (*Bezirksgericht für Handelssachen Wien*); u
- tnejn fi Graz: il-Qorti Reġjonali Kriminali ta' Graz (*Landesgericht für Strafsachen Graz*) u l-Qorti Reġjonali Ċivili ta' Graz (*Landesgericht für Zivilrechtssachen Graz*).

Il-kawżi dwar l-impjeggi essenzjalment jikkonsistu f'tilwim ċivili dwar relazzjonijiet ta' impjeg, kif iddefinit fl-Artikolu 50 tal-Att dwar il-Tribunali Industrijali u Soċjali (*Arbeits- und Sozialgerichtsgesetz (ASGG)*). Dawn huma rregolati mir-regoli proċedurali tagħhom stess, li huma simili għal dawk tal-kawżi ċivili iżda b'xi regoli speċjali addizzjonali.

Il-kawżi dwar l-impjeggi jitressqu fl-ewwel istanza quddiem il-Qrati Reġjonali jew, fi Vjenna, quddiem it-Tribunal Industrijali u Soċjali; fit-tieni istanza quddiem il-Qrati Reġjonali Superjuri (*Oberlandsgerichte*) u finalment fit-tielet istanza quddiem il-Qorti Suprema (*Oberster Gerichtshof*). Id-deċiżjonijiet jittieħdu minn diviżjonijiet (*Senate*) tal-qorti xierqa, li huma magħmula minn imħallef professjonali wieħed jew aktar (*Berufsrichter(innen)*) u żewġ assessuri onorarji (*Laienrichter(innen)*), wieħed ipprovdut mill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u wieħed mill-organizzazzjonijiet tal-impjegati.

Il-proċedura tal-appelli f'kawżi ta' impjeg hija simili għall-proċedura tal-appelli f'kawżi ċivili, iżda hemm inqas restrizzjonijiet fuq l-appelli. Pereżempju, appell dwar punt ta' liġi (*Revision*) jista' jitressaq quddiem il-Qorti Suprema mingħajr ma jitqies il-valur inkwistjoni, sakemm il-punt ta' liġi inkwistjoni jkun ta' importanza konsiderevoli.

Il-kawżi kummerċjali essenzjalment jikkonsistu f'kawżi ċivili li jinvolvu kummerċjant, kif iddefinit fl-Artikolu 51 tal-Liġi dwar il-Ġurisdizzjoni tal-Qorti (*Jurisdiktionsnorm*). Dawn huma soġġetti għall-proċedura ċivili ordinarja, bi ftit regoli speċjali. Meta kawża kummerċjali tinstema' minn diviżjoni f'qorti tal-ewwel jew it-tieni istanza, assessur lajk li jirrappreżenta lin-negozjanti jingħaqad mad-diviżjoni. (Dan mhux il-każ fil-Qorti Suprema.)

Il-kawżi dwar kartelli, kif definiti fl-Att dwar il-Kartelli (*Kartellgesetz*), jitressqu quddiem il-Qorti Reġjonali Superjuri fi Vjenna, li taġixxi bħala l-Qorti tal-Kartelli (*Kartellgericht*) tal-ewwel istanza. Din għandha ġurisdizzjoni fuq il-pajjiż kollu. L-appelli kontra s-sentenzi tal-Qorti tal-Kartelli jitressqu fit-tieni u fl-aħħar istanza quddiem il-Qorti Suprema, li taġixxi bħala l-Qorti Superjuri tal-Kartelli (*Kartellobergericht*). Id-deċiżjonijiet jittieħdu minn

diviżjonijiet, li fiż-żewġ każijiet huma magħmula minn imħallef professjonali wieħed jew aktar u żewġ assessuri lajċi kkwalfikati. Il-Kamra Ekonomika Federali Awstrijaka (*Wirtschaftskammer Österreich*) u, h̄lief għal xi eċċezzjonijiet, il-Kamra Federali għall-Ħaddiema u l-Impjegati (*Bundeskammer für Arbeiter und Angestellte*) jagħżlu assessur onorarju għal kull waħda.

Fi proċedimenti mhux kontenzjużi (*Verfahren außer Streitsachen*), il-qrati jiddeċiedu dwar ċerti materji tad-dritt privat li għandhom karatteristiċi speċjali (ġeneralment, ftehimiet, kwistjonijiet ta' kustodja legali, u kawżi oħra fejn tipikament ma jkunx hemm żewġ partijiet b'interessi opposti). Dawn isegwu proċedura simili għal dik tal-ġurisdizzjoni volontarja.

Il-parti l-kbira ta' dawn il-kawżi l-ewwel jiġu deċiżi mill-Qrati Distrettwali, fit-tieni istanza mill-Qrati Reġjonali u fl-aħħar istanza mill-Qorti Suprema. Fl-ewwel istanza, il-kawżi jiġu deċiżi minn imħallef wieħed (*Einzelrichter(in)*) jew minn uffiċjal ġudizzjarju kkwalfikat apposta (*Rechtspfleger(in)*). Fit-tieni u t-tielet istanza, huma deċiżi minn diviżjonijiet ta' tliet jew h̄ames imħallfin professjonali.

Il-proċedura tal-appelli fi proċedimenti mhux kontenzjużi tixbah ukoll dik fil-kawżi ċivili. Fid-dawl tan-natura speċjali tal-proċeduri, madankollu, hemm inqas restrizzjonijiet fuq l-appelli. Hemm ukoll ambitu limitat biex titressaq materja ġdida fit-tieni istanza, li tmur lil hinn mill-argumenti u s-sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fl-ewwel istanza.

Minħabba l-ħafna tipi differenti ta' kawżi ttrattati fi proċedimenti mhux kontenzjużi, spiss ikun hemm varjetà wiesgħa ta' regoli speċjali li jirregolaw oqsma partikolari.

Qrati amministrattivi

L-Awstrija għandha l-qrati amministrattivi li ġejjin:

- disa' qrati amministrattivi provinċjali (*Landesverwaltungsgerichte*), waħda f'kull provinċja;
- żewġ qrati amministrattivi federali: il-Qorti Amministrattiva Federali (*Bundesverwaltungsgericht*) u l-Qorti Fiskali Federali (*Bundesfinanzgericht*);
- il-Qorti Amministrattiva Suprema (*Verwaltungsgerichtshof*).

Il-qrati amministrattivi jiddeċiedu, b'mod partikolari, dwar appelli kontra sentenzi u atti amministrattivi mingħajr proċedura minn korpi amministrattivi, kif ukoll dwar ilmenti kontra n-nuqqas tal-awtoritajiet amministrattivi li jaġixxu fi skadenza stabbilita (*Säumnisbeschwerden*).

Il-Qorti Fiskali Federali tiddeċiedi dwar kawżi ta' appelli li jinvolvu taxxi u h̄lasijiet pubbliċi (bi ftit eċċezzjonijiet) u l-liġi tat-taxxa kriminali, sakemm dawn il-kwistjonijiet jiġu ttrattati direttament mill-awtoritajiet fiskali jew tat-taxxa federali. Il-Qorti Amministrattiva Federali tiddeċiedi primarjament dwar appelli kontra sentenzi li inkella jinħarġu mill-awtoritajiet federali fil-kuntest ta' amministrazzjoni federali diretta. Inkella, ġeneralment huma l-Qrati Amministrattivi Provinċjali li jiddeċiedu dwar kawżi ta' appell amministrattivi.

Is-sentenzi tal-qrati amministrattivi jistgħu, taħt ċerti ċirkostanzi, jiġu appellati quddiem il-Qorti Amministrattiva Suprema. Il-Qorti Kostituzzjonali (*Verfassungsgerichtshof*) tista' tiġi kkonsultata f'kawżi li jinvolvu ksur kostituzzjonali, speċjalment ksur tad-drittijiet fundamentali.

Qrati speċjalizzati oħra

Qorti Kostituzzjonali (*Verfassungsgerichtshof*)

Filmkien mal-Qorti Suprema u l-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Qorti Kostituzzjonali hija t-tielet qorti superjuri tal-Awstrija. Bħaż-żewġ qrati superjuri l-oħra, il-Qorti Kostituzzjonali hija bbażata fi Vjenna u għandha ġurisdizzjoni fuq il-pajjiż kollu.

Il-kompitu primarju tal-Qorti Kostituzzjonali huwa li tivverifika l-konformità mal-kostituzzjoni. Dan jinkludi wkoll id-drittijiet fundamentali. Hija speċifikament imsejħa biex teżamina, fuq talba, il-kostituzzjonalità tal-liġijiet, ir-regolamenti u s-sentenzi li ġejjin:

- liġijiet federali u provinċjali;

- regolamenti maħruġa minn korpi amministrattivi;
- sentenzi tal-qrati amministrattivi.

Jekk meħtieġ, il-qorti tista' twaqqa' dawn il-miżuri.

B'differenza minn qrati oħra, il-Qorti Kostituzzjonali m'għandhiex imħallfin professjonali, iżda pjuttost imħallfin *honoris causa* (*Honoratiorenrichter(innen)*). Dawn għandhom ikunu individwi eċċezzjonali li diġà kellhom karriera legali ta' suċċess f'funzjoni oħra. Ħafna minnhom jeżerċitaw il-kariga tagħhom fuq bażi part-time, u jistgħu jkomplu jeżerċitaw il-professjoni preċedenti tagħhom (eż. bħala mħallfin jew professuri universitarji, għalkemm mhux bħala impjegati taċ-ċivil, f'liema każ iridu jinħelsu mid-dmirijiet uffiċjali tagħhom). Il-Qorti Kostituzzjonali tiltaqa' biss għal "sessjonijiet", li ġeneralment isiru erba' darbiet fis-sena.

Bażijiet tad-*data* legali

Il-paġna ewlenija tal-Ġustizzja Awstrijaka (link [hawnhekk](#)) tipprovdi informazzjoni ġenerali dwar is-sistema ġudizzjarja Awstrijaka.

L-aċċess għall-bażi tad-*data* hu bla ħlas?

Iva.

Links relatati

[Ġuriżdzizzjoni tal-Qrati - l-Awstrija](#)

■ L-aħħar aġġornament: 25/10/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.